Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 2521/2002

**Avviz Numru 2521/02 AJD**
**Defranco Enterprises Limited**

**vs**

**Androxa Furniture Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta' Ottubru, 2002, fejn gie mitlub li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' sitt mija u sitta u disghin lira Maltin u sbatax il-centezmu (Lm696.17) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' njam mibjugh u kkonsenjat lis-socjeta' konvenuta.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra bonarja datata 3 ta' Mejju 2002 u tal-mandat ta' qbid u ta' sekwestru prezentati kontestwalment mal-avviz u bl-imghax kummercjali mit-18 ta' Gunju 2001 li hija d-data tal-ahhar konsenja, kontra s-socjeta' konvenuta.

Ra n-nota prezentata mis-socjeta' attrici fl-10 ta' Jannar 2003 fejn hija cediet is-sorte izda zammet ferm il-kap tal-ispejjes.

Ghaldaqstant , it-Tribunal filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-mertu, jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici l-ispejjes ta' din l-istanza, nkluzi dawk tal-mandati ta' qbid u ta' sekwestru prezentati kontestwalment mal-Avviz tat-Talba.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**

-------------------------------TMIEM-------------------------------